MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 2605/1999/1

**Ziad Mohammed Al Sous**

**Vs**

**Nadia Al Sous Rapinett nee` Rapinett f'isimha *proprio* u bhala legittima rapprezentanti tat-tarbija Hasam Samwel u Direttur tar-Registru Pubbliku ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur izzewweg fl-4 ta' Jannar 1997 (Dok. A);

Premess illi l-konvenuta kellha relazzjoni ma' terzi u li minnha twieldet it-tarbija Hasam Samwel fit-2 ta' Awissu 1999 (Dok. B);

Premess illi fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija in kwistjoni, l-attur gie indikat bhala missier it-tarbija pero` di fatti ma hux;

Premess illi ghalhekk hu mehtieg li jigi dikjarat li t-tarbija Hasam Samwel ma hux il-wild naturali u biologiku ta' l-attur;

Premess illi jehtieg li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija registrat mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li t-tarbija li twieldet lill-attrici fit-2 ta' Awissu 1999 bl-isem ta' Hasam Samwel ma hiex il-wild naturali u biologiku ta' l-attur;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar u jikkancella mic-certifikat tat-twelid ta' l-imsemmija tarbija, l-isem ta' l-attur kull fejn jirrikorri u minflok inizzel "missier mhux maghruf";

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi dwar il-meriti ta' din l-azzjoni ta' denegata paternita` l-esponent f'dan l-istadju mhuwiex edott mill-fatti kif dikjarati mill-attur u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet attrici u ghall-gudizzju ta' din il-Qorti;

2. Illi ghandhom jinhatru kuraturi indipendenti sabiex jissalvagwardjaw l-interessi tal-minuri Hasam Samwel u dan sabiex jigi evitat kwalunkwe kunflitt ta' interess;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, fl-eventwalita` li jintlaqghu t-talbiet attrici, ghandhom jigu kancellati l-partikolaritajiet kollha relattivi ghall-attur kif ukoll ghandhom jigu mhassra l-kliem "the said" mill-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet ta' l-omm;

4. Illi inoltre u bla pregudizzju, din il-Qorti trid tkun verament konvinta mill-provi migjuba qabel tghaddi biex tiehu decizjoni rigward il-kaz in kwistjoni, u dan stante l-fatt li tali decizjoni, jekk favorevoli ghall-attur, ser ikollha inevitabilment effett determinanti fuq il-hajja futura tal-minuri;

5. Illi peress li din il-kawza qed issir principalment bhala wahda ta' denegata` paternita` u t-talba ghall-korrezzjoni fl-att tat-twelid numru 2611/99 hija incidentali, l-esponent m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota tal-konvenuta Nadia Al Sous Rapinett tat-22 ta' Mejju 2000 illi permezz taghha ammettiet t-talbiet attrici, salv l-ispejjez;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

L-azzjoni esperita mill-attur hi dik ta' "denegata paternita`" kontemplata fl-Artikolu 70 tal-Kodici Civili. Fiha l-ligi

tikkontempla erba' ipotesijiet koncessi lir-ragel biex ikun jista' jichad li jaghraf lit-tifel imnissel matul iz-zwieg;

In effetti l-iskop ta' din l-azzjoni hi dik li tattakka l-element prezuntiv krejat mil-ligi fl-Artikolu 67 tal-Kodici Civili tal-paternita` tar-ragel ta' l-omm. Il-finalita` taghha, imbaghad, jikkonsisti fil-holqien ta’ qaghda guridika gdida subentrata ghal dik pre-ezistenti, konsegwenti ghall-eliminazzjoni retroattiva ta' l-istat ta' l-iben legittimu;

Il-fattispeci tal-kaz taht konsiderazzjoni kapaci jigu kazellati kemm taht l-ewwel kif ukoll taht it-tieni ipotesi ta' l-Artikolu 70(1) predett. Filwaqt li taht l-ewwel subinciz (a) l-legislatur irritjena l-formulazjoni kif kienet tezisti qabel l-emendi introdotti bl-Att XXI ta' l-1993 u cjoe dik inferibilment ghan-nozzjoni ta' l-"impossibilita` fizika" minhabba allontanament jew accident iehor, fit-tieni subinciz (b) introduca l-kuncett aktar wiesgha tan-"non ko-abitazzjoni". Kuncett dan li barra s-sinifikat testwali tal-kliem "rega' inghaqad ma' martu, ukoll jekk temporanjament" jidentifika ruhu certament mal-fatt illi l-ko-abitazzjoni ggib naturalment iz-zamma fis-sehh, jew tigdid, tar-rapporti sesswali. Li jfisser illi jekk l-azzjoni tkun fondata fuq din l-ipotesi intiza dejjem bhala konvivenza konjugali fil-perjodu preskritt bejn it-tlett mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid, il-prova kuntrarja trid tissodisfa li fl-imsemmi perjodu kien hemm relazzjonijiet sesswali, deducibbli minn repristinar, anke temporanju, ta' konvivenza jew inkontru okkazjonali;

Jinkombi dejjem fuq l-attur li jaghmel il-prova ta' dawk il-fatti kapaci li jeskludu r-rapport ta' paternita`;

Fil-kaz taht konsiderazzjoni, il-Qorti hi sodisfatta li l-attur irnexxielu jiddimostra b'mod cert u konvincenti illi fil-perjodu tat-tnissil jew koncepiment tat-tifel huwa ma setax kellu kongungiment ma' omm it-tifel;

Jirrizulta mill-passaport esebit mill-attur (fol. 36) illi huwa kien halla Malta fit-3 ta' Lulju 1998 u rritorna lura Malta fit-18 ta' Marzu 1999;

Jirrizulta wkoll illi sa minn tlett xhur fuq iz-zwieg fl-4 ta' Jannar 1997 l-attur u martu sseparaw *de facto* u ma baqghux jghammru flimkien.  Ara xhieda ta' l-attur a fol. 18;

Dan hu konfermat mill-konvenuta (fol. 23) li ziedet taggungi illi f'dak iz-zmien hi kienet tghix ma' certu Ali Zejtun u harget gravida mir-rapporti li kellha ma' din il-persuna;

Fuq kollox iz-zewg kontendenti, l-attur u martu, ikkonfermaw illi minn wara li nfirdu minn xulxin huma ma kellhomx x'jaqsmu aktar sesswalment.  Il-kontendenti ma ghandhomx ghalfejn ma jigux emnuti f'din il-prova centrali u li tabilhaqq il-minuri hu frott tar-relazzjoni li omm it-tifel kellha mal-persuna fuq imsemmija;

Il-Qorti ghalhekk thoss li ghandha tammetti bhala veri u provati d-deposizzjonijiet tal-kontendenti.  Minn dan isegwi illi fil-perjodu anterjuri ghat-twelid tal-minuri l-attur mhux biss kien allontanat minn martu izda wkoll lanqas ma rega' inghaqad maghha;

Il-konkluzjoni hawn raggunta tirrendi rrikonciljabbli d-dikjarazzjoni tal-paternita` attribwita lill-attur mill-att tat-twelid tal-minuri.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi takkolji l-Ewwel Talba ta' l-attur u tiddikjara illi l-minuri Hasam Samwel li twieled fit-2 ta' Awissu 1999 ma huwiex il-wild naturali u bijologiku ta' l-attur;

Tilqa' konsegwentement it-Tieni Talba u tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna mitluba mill-attur u dan billi fl-Att tat-Twelid Numru 2611/1999 tithassar kull referenza ghall-attur u ghall-konnotati tieghu u ghalih jigu sostitwiti l-kliem "missier mhux maghruf".  Il-Qorti tordna wkoll illi mill-

kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet ta' l-omm jinqatghu l-kliem "the said".

L-ispejjez tal-kawza jibqghu a kariku tal-konvenuta Nadia Al Sous Rapinett.

--------------------------------TMIEM--------------------------------